MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 98/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**

**vs**

**Matthew Bajada**
**Yurissa Borg**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Matthew Bajada ta' 23 sena, bin Charles u Rose Marie nee' Agius, imwieled gewwa tal-Pieta' fis-16 ta' Lulju 1983 u residenti 5, Rose House Reginal Road, St. Venera u detentur tal-karta tal-identita' numru 365683(M) u l-imputata Yurissa Borg ta' 17-il sena, bint Anthony u Manwela nee' Gauci, imwielda tal-Pieta' nhar it-8 ta' Settembru 1990 u residenti Mantwann Triq Imnara, Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 421490(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Nhar il-1 ta' Jannar 2008 ghal habta ta' 04.00Hrs gewwa Triq Gianpula Limiti tar-Rabat:

1. Ghad li ma kienux wahda jew wiehed mill-persuni/a li ghamlu l-att kienu komplici waqt dan id-delitt billi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara fuq vettura b'numru BBN736, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 Euros (Lm50) izda mhux aktar minn 1164.69 Euros (Lm500) jew rendew ruhhom komplici f'istess reat imsemmi ghad-dannu ta' Ghislaine Calleja ID. 505988(M) u dan bi ksur tal-artikolu 42 u 325 (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexis Xerxen ID. 57683(M) jew rendew ruhhom komplici f'istess reat imsemmi u dan skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat MD Re. No. 1455 minn gewwa l-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-artikolu 42 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza jew rendew ruhhom komplici f'istess reat imsemmi fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe PC. 362. Wayne Borg li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzu fuqu kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 42, 92 u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebbew ghall-Alexis Xerxen ID 57683(M) sabiex jingurjawha, iddejquha jew jaghmlulha hsara jew rendew ruhhom komplici f'istess reat imsemmi u dan bi ksur tal-artikolu 42 u 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa ir-Rabat volontarjament kisru w il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied jew rendew ruhhom komplici f'istess reat

imsemmi u dan bi ksur tal-Artikolu 42 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex jingurjawh jew jaghmlu xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku jew rendew ruhhom komplici f’istess reat imsemmi dan ai terminu tal-artikolu 42 u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom hekk mill-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b’xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membru tal-korp tal-Pulizija jaghmel dak li b’ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassru jew gabu fix-xejn dak l’ il-membru tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita’ kien ghamel jew rendew ruhhom komplici fl-istess reat imsemmi u dan ai terminu tal-artikolu 42 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Fl-istess data, lok u cirkostanzi heddew lill-istess Ufficjali pubblici bi kliem jew rendew ruhhom komplici f’istess reat imsemmi u dan ai terminu tal-artikolu 42 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Matthew Bajada wahdu sar recidiv b’sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Malta) datata 23.01.2007 u dan ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 04 ta’ Frar, 2008 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom, fis-seduta tal-24 ta’ April, 2008 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fl-1 ta' Jannar 2008, ghall-habta tal-4.00am hdejn il-Gianpula Disco, fil-limiti tar-Rabat fejn kien hemm kongestjoni kbira tat-traffiiku u paniku kbir minn hdejn il-Gianpula fid-direzzjoni tar-Rabat. Il-Pulizja rceviet rapport minghand zewg tfajliet, Alexia Xerxen u Ghislane Calleja, li fost din il-konfuzjoni u waqt li huma kienu ghaddejjin bil-vettura taghhom Citroen bin-numru BBN 736 huma qalghu vettura li kienet quddiemhom u kellha in-numru tar-registrazzjoni BUG 225 u daru fid-direzzjoni opposta u imbaghad hareg persuna minn din il-vettura u agredihom u kkaguna hsara fuq il-vettura taghhom. PC 362 Wayne Borg li kien fuq il-post sabiex jikkontrolla is-sitwazzjoni tat-traffiku u li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2008 informa lill-Ufficjal Prosekutur li huwa kellu argument ma persuna li kienet riekba fuq wara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BUG 225 u ftit wara dahal ir-rapport ta' Xerxen u Calleja. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BUG 225 kienet registrata f'isem l-imputat Matthew Bajada u meta baghtu ghall-imsemmi imputat u ghat-tfajla tieghu il-ko-imputata Yurissa Borg u dawn irrilaxjaw stqarrijia (stqarrijiet relattivi inseriti a fol. 8 sa 13) huma cahdu li kienu kkagunaw xi hsara fil-vettura ta' terzi jew li kienu agredew lil xi hadd. Huma ghazlu illi ma jaghtux informazzjoni dwar il-persuni l-ohra li kien hemm riekba fil-vettura taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi PS 362 Wayne Borg xehed li huwa kien gie mwaqqaf minn Xerxen u Calleja li qalulu li kienu gew aggrediti minn persuna li kien ukoll ikkagunalhom xi griehi u wara li huma hadu n-numru tar-registrazzjoni tal-vann li fih kien riekeb dan il-persuna PC 362 qal lit-tfajliet sabiex imorru jaghmlu rapport l-Ghassa. PC 362 qal li huwa kien ra lill-imputat Matthew Bajada jghajjar lil terza persuna u huwa tah ordni sabiex ma jghajjar lil hadd u jsuq. Meta l-imputat saq il-

vann PC362 jghid li Matthew Bajada laqtu bil-vann u imbaghad meta staqsieh ghalfejn kien laqtu dan beda' joffendih. Ghislane Calleja u Alexia Xerxen li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2008 it-tnejn ikkonfermaw li l-imputat ma kienx il-persuna li ta d-daqqiet ta' ponn fuq il-vettura taghhom u li agredihom izda kien il-persuna li hareg mill-vettura blu u prova iwaqqaf lil persuna li beda jaghti d-daqqiet fuq il-vettura taghhom u agredihom. Hadd mix-xhieda okulari tal-incident ma identifika la lill-imputat Matthew Bajada u wisq anqas lill-imputata Yurissa Borg bhala l-persuni li kkagunaw hsara jew li agredewhom.

Il-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputati talli agredew lil Calleja u Xerxen u kkagunaw hsara fil-vettura taghhom jew altrimenti talli rrendew ruhhom komplici fl-imsemmija reati. Kif diga' ntqal fil-paragrafu precedenti l-imputat Bajada gie identifikat mix-xhieda okulari kollha bhala l-persuna li hareg mill-vettura sabiex iwaqqaf lil persuna maskili li kien hareg qabel mill-istess vettura u beda' jagredixxi lil Calleja u Xerxen u jaghti bil-ponn fuq il-vettura taghhom. Il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-imputat Bajada u wisq anqas l-imputata Yurissa Borg jistghu jinstabu hatja li rrendew ruhhom komplici f'dawn ir-reati meta rrizulta li Borg bl-ebda mod ma ppartecipat f'dak li gara izda baqghet il-hin kollu fil-karozza u meta l-unika involviment ta' Bajada kien li jipprova jwaqqaf lit-terza persuna li qatt ma giet identifikata milli jkompli jagredixxi u jaghmel hsara. Il-fatt biss li l-persuna li jidher li kkommetta dawn ir-reati ken passiggier fil-vettura ta' Bajada bl-ebda mod ma jista' jtiqies li jirrendihom komplici fir-reati li huwa kkommetta ghaliex fuq kollox ma giex pruvat li huma kienu marru fil-post in kwistjoni bl-intenzjoni li jikkommettu dawn ir-reati izda rrizulta biss li dak li sehh gara minhabba il-kongestjoni tat-traffiku u ghalhekk ma setghax kien ippjanat minn qabel.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda ir-reati l-ohra li bihom jinsabu akkuzati iz-zewg imputati u li huma ta' natura kontravenzjonali u cioe' dawk immarkati minn 5 sa tmienja dawn jirrizultaw preskritti fil-konfronti tal-imputata Yurissa

Borg stante li mir-riferta inserita a fol. 40 jidher li hija giet notifikata l-ewwel darba bl-akkuzi odjerni fit-23 ta' April 2008 u ghalhekk aktar minn tlett xhur wara id-data tal-incident in dizamina. In kwantu jirrigwarda dawn l-akkuzi fejn huma riferibbli ghall-imputat Matthew Bajada l-Qorti jidrilha li jirrizultaw pruvati biss l-akkuzi mmarkati bhala 5 u 7 ghaliex mix-xhieda ta' PC362 Wayne Borg irrizulta li l-imputat beda' jghajjat u joffendih li certament jammonta ghal ksur ta' buon ordni u paci pubblika izda mhux ghal ingurja jew theddid stante li l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija naqas milli jsemmi x'kien il-kliem li qal Bajada u li huwa rritjena bhala offensiv, Il-Qorti jidrilha li l-akkuza mmarkata bhala 7 tirrizulta pruvata ghaliex mix-xhieda ta' PC 363 jidher li Matthew Bajada fixklu fil-qadi ta' dmirijietu meta huwa beda jghidlu kliem offensiv u imbaghad anki laqtu bil-vettura tieghu. L-anqas l-addebitu tar-recidiva ma jirrizulta stante li ma ngabitx id-debita prova tal-identita'.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata Yurissa Borg mhux hatja tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u r-raba'(4) akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikolu 688(f) il-Qorti tiddikjara li il-hames(5), is-sitt(6), is-seba'(7) u t-tmien(8) akkuza huma preskritti fil-konfronti ta' Yurissa Borg u konsegwentement estinti.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Matthew Bajada mhux hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba'(4), is-sitt(6), it-tmien(8) u d-disa'(9) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Matthew Bajada hati tal-hames(5) u tas-seba'(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda kumplesiva ta' mija u tnax-il ewro (€112).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------